

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla l-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2016 dwar l-iskema ta' għajnuna mill-Istat dwar l-eżenzjoni tal-profiti żejjed SA.37667 (SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Belġju [innotifikata taħt in-numru C(2015) 9837] (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”) ⁽¹⁾;
- sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 1(d) tar-Regolament 2015/1589 ⁽²⁾ mill-Kummissjoni billi hija kklassifikat b'mod żbaljat bħala skema ta' għajnuna d-deċiżjonijiet dwar it-taxxa fuq il-profiti żejjed, u b'hekk wettqet diversi żbalji manifesti ta' liġi, ta' fatt u ta' evalwazzjoni billi indikat motivazzjoni insuffiċjenti.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE mill-Kummissjoni meta hija żball materjali ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni meta applikat il-qafas ta' referenza bil-għan li tiddetermina jekk id-deċiżjonijiet dwar it-taxxa fuq il-profiti żejjed kienux jagħtu vantaġġ selettiv.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, mill-Kummissjoni, meta hija qieset b'mod żbaljat li d-deċiżjonijiet dwar it-taxxa fuq il-profiti żejjed jagħtu vantaġġ selettiv, u b'hekk wettqet diversi żbalji manifesti ta' fatt u ta' evalwazzjoni, naqset milli twettaq eżami diliġenti u imparzjali u pprovdiet motivazzjoni insuffiċjenti.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 2015/1589 u tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni billi wettqet żball materjali ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni kif ukoll li pprovdiet motivazzjoni insuffiċjenti fid-determinazzjoni tal-metodoloġija sabiex tikkwantifika l-għajnuna allegata.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1699 tal-11 ta' Jannar 2016 dwar l-iskema ta' għajnuna li tirrigwarda l-eżenzjoni tal-qligħ eċċessiv SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Belġju (notifikata bid-dokument numru C(2015) 9837) (ĠU 2016, L 260, p. 61).

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2016 – Nomacorc vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-867/16)

(2017/C 046/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Nomacorc (Thimister-Clermont, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Verschuur, M. Stroungi u L. Mélia, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla l-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-11 ta' Jannar 2016, dwar l-iskema ta' għajnuna li tirrigwarda l-eżenzjoni tal-qligħ eċċessiv SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Belġju (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”) ⁽¹⁾;
- sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegat ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 1(d) tar-Regolament 2015/1589 ⁽²⁾ billi kklassifikat b'mod żbaljat id-deċiżjonijiet dwar il-qligħ eċċessiv bħala skema, u b'hekk wettqet diversi żbalji manifesti ta' liġi, ta' fatt u ta' evalwazzjoni kif ukoll tat motivazzjoni inadegwata.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegat ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE billi wettqet żball materjali ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni meta interpretat u applikat is-sistema ta' riferiment għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' jekk id-deċiżjonijiet dwar il-qligħ eċċessiv jagħtux vantaġġ selettiv.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegat ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE billi stabbiliet b'mod żbaljat li d-deċiżjonijiet dwar il-qligħ eċċessiv jagħtu vantaġġ selettiv, u b'hekk wettqet diversi żbalji manifesti ta' fatt u ta' evalwazzjoni, naqset milli tiżvolġi eżami diliġenti u imparzjali u tat motivazzjoni inadegwata.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1699, tal-11 ta' Jannar 2016, dwar l-iskema ta' għajnuna li tirrigwarda l-eżenzjoni tal-qligħ eċċessiv SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Belġju (notifikata bid-dokument numru C(2015) 9837) (ĠU L 260, p. 61)

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, tat-13 ta' Lulju 2015, li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, p. 9).

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2016 – RA vs Il-Qorti tal-Awdituri**(Kawża T-874/16)**

(2017/C 046/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: RA (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-4 ta' Marzu 2016 li r-rikorrent ma jiġix promoss għall-grad AD 11;
- tikkundanna lill-Qorti tal-Awdituri għall-ispejjeż.